4 ta' Mejju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Francis Blancho

**Sentenza — Żball fl-Isem tal-Partijiet — Atti Ġudizzjarji — Korrezzjoni — Appell**

*Sentenza li biha l-imputat ġie misjub ħati u kundannat ma tolqotx lil dak l-imputat, u ma hix eżegwibbli kontra tiegħu, jekk f'dik is-sentenza il-kunjom tal-imputat ikun riportat differentement minn dak li jkun fil-fatt.*

*Jekk l-imputat jappella minn sentenza li biha ġie misjub ħati u kundannat, u fl-appell jiġi sollevat preliminarment l-inċident tal-kunjom, il-Qorti tal-Appell ma tistgħax tikkoreġi żball fl-istritturi preżentati fl-ewwel istanza, u għalhekk għandha tipprovdi fuq l-appell fis-sens biss li tiddikjara li l-kundannat bis-sentenza appellata ma hux l-imputat appellant, u li għalhekk dik is-sentenza ma tolqtux u ma hix eżegwibbli kontra tiegħu.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Francis Blancho talli l-Marsa, fl-20 ta' Frar 1957, f'xi l-5.45 p.m., ippermetta lil Carmelo Blancho li jsuq van no. 15586 mingħajr liċenza mill-Pulizija tas-sewqan, u b'hekk ma kienx kopert bil-polza tas-sigurtà jew garanzija dwar riskji ta' terzi persuni skond id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza XXXVI tal-1939;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni li jiġi skwalifikat li jkollu jew jieħu ebda liċenza tas-sewqan għal perijodu ta' tnax il-xahar jew aktar skond l-art. 3(2) ta' l-istess Ordinanza;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-4 ta' Marzu 1957, li biha kkundannatu £5 multa u skwalifikatu milli jkollu liċenzi tas-sewqan għal sena;

Rat fol. 7 r-rikors ta' Francis Blanco, li bih dan talab li jiġi minn din il-Qorti dikjarat li s-sentenza fuq imsemmija ma tolqotx lilu, u tagħti kull provvediment ieħor xieraq; jew, in subordine, li din il-Qorti tirrevokaha u tiddikjarah mhux ħati, u tilliberah;

Ikkunsidrat;

Ġie sollevat l-inċident preliminari li l-kunjom tal-imputat hu, mhux "Blancho", imma "Blanco";

Dan jirriżulta mid-dokument eżibit bin-nota tal-25 ta' April 1957. Ġie ripetutament deċiż mill-Qorti tal-Appell, kolleġjalment kostitwita, li l-Qorti tat-tieni istanza ma tistgħax tikkoreġi żball fl-isem fi skrittura preżentata fl-ewwel istanza (ara App. "Balzan vs. Dottor Vassallo", 29.1.23, Vol. XXVI-I-338; "Theuma vs. Speranza", 18.11.21, Vol. XXIV-I-872; "Pace vs. Sciberras", 6 Diċ. 1927, Vol. XXVI-I-632; "D'Alfonso vs. Oliver", 21 ta' Frar 1951, Vol. XXXV-I-247, fejn id-differenza kienet bejn "Oliver" u "Olivieri"; "Busuttil vs. Tanti Bellotti", 23 ta' Ġunju 1952, Vol. XXXVI-I-200, fejn id-differenza kienet bejn "Flamingo" u "Fiamingo"). Il-kwistjoni, in kwantu li tinqala' fi proċeduri kriminali, ġiet trattata "funditus" minn din il-Qorti, kif preżentement komposta, fil-kawża App. Krim. "Pul. vs. Raymond Cassar", 29 ta' Settembru 1956, u ssir għalhekk riferenza għar-raġunamenti żvolti f'dik is-sentenza;

Għalhekk il-Qorti tipprovdi fuq l-appell b'dan il-mod;

Tiddikjara li l-kundannat fis-sentenza fuq imsemmija hu Francis Blancho, u mhux ir-rikorrent Francis Blanco, u li għalhekk dik is-sentenza ma tolqotx lill-imsemmi rikorrent, u ma hijiex eżegwibbli kontra tiegħu;

Konsegwentement tiddikjara li ma hemmx lok li tipprovedi fuq il-kumplament tal-appell.

---